ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 43 IL-ERBGĦA, 25 TA' APRIL 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar il-Erbgħa, 25 ta' April 2018 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsllier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**43/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**43/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Antoine Saliba Haig u Josef Aquilina li ma segħux jattendu l-laqgħa minħabba safar u impenji personali rispettivament. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**43/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 42**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 42 li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' April 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 42 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**43/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**43/03/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li peress li din is-sena l-Gvern mhux se jkun qed jgħin fl-attivita' tal-Lejl f'Casal Fornaro peress li l-applikazzjoni għall-fondi taħt l-iskema mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma ġietx aċċettata, huwa sostna li l-Kunsill għandu jżied l-allokazzjoni għal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel unanimament li s-somma għandha tkun ta' Eur8,000 (inkluż Festival tal-Ħobż). Il-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-organizzaturi sabiex jiġi assigurat li l-Kunsill ikun promoss kif jixraqlu bħala l-organizzatur ta' din l-attivita'. **DOK 'A'**

**43/03/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li l-kunsilliera Martina Brancaleone ħadet l-inizjattiva biex tiġi organizzata attivita' relatata mas-saħħa dwar is-smiegħ bl-

isem ta' "Screening on Prevalence of Hearing Impairment" wara li dawn kienu ġew avviċinati mill-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi. Din l-attivita' se tinżamm bejn is-16 u 23 ta' Lulju 2018.

**43/04 RAPPORTI**

**43/04/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-AWDITUR U R-RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA FINANZJARJU 2018 AWDITJAT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport tal-Awditur li ma kien għal darb'oħra huwa rapport pożittiv u mingħajr kwalifika.

**DOK 'B1'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvata ir-Rapport tal-Awditur tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2017.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament u għaldaqstant ġie iffirmat ir-rapport mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.**

**43/05 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**43/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: UPGRADING (INCLUDING RESURFACING) OF FARM ACCESS ROADS IN ĦAL QORMI (MIZURA 4.3)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq ir-Rapport tal-Aġġudikazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni dwar l-għoti tal-offerta **UPGRADING (INCLUDING RESURFACING) OF FARM ACCESS ROADS IN ĦAL QORMI.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport bir-rakkomandazzjoni indikata.

**DOK 'C'**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament u għaldaqstant il-Kunsill għandu jipproċedi bl-għoti tal-offerta lill-offerent rakkomandat mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni.**

**43/05/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** issuġġerixxa biex il-Kunsill jorganizza Kors tal-First Aid. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Il-Kunsillier Robert Cremona** issuġġerixxa biex f'Jum Ħal Qormi jingħata rikonnoxximent lil Abel Mizzi. Is-Sindku Jesmond Aquilina spjega li din il-persuna ħaqqha rikonnoxximent u kif jgħaddi żmien biżżejjed kif jitolbu linji gwida tat-tismija tat-toroq, se jkun qed jipproponi li tissemma' triq għalih. Huwa fakkar li Abel Mizzi kien diġa ġie mogħti Għarfien il-Ħila f'Jum Ħal Qormi fil-passat.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** sostna li qed jingħataw ħafna ċitazzjonijiet għal kontravenzjonijiet trivjali ta' parkeġġ fil-kantunieri fi Triq Stagno u Triq Dun Marju. Huwa faħħar l-attivita' tat-tindif li saret fil-kampanja Clean up Malta li ħa ħsiebha **l-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** u li għaliha pparteċipa huwa wkoll.

**Is-Sindku Jesmond Aquilna** ssuġġerixxa li l-Kunsill jixtri Aed u jpoġġiha fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

**43/06 MOZZJONIJIET**

**43/06/01 MOZZJONI 79/2018 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li jsiru security cameras madwar t-Tribuna ta' Pinto għal aktar sigurta fl-inħawi fejn spiss qiegħed jkun hemm bosta abbużi ta-serq, droga u sewqan eċċessiv*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 79/2017.

**43/07 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:05 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 14 ta' Mejju 2018.**